

Il-Ġurnal Uffiċjali C 437

tal-Unjoni Ewropea



Volum 65

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

17 ta' Novembru 2022

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 437/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10882 — IRCP / CDC / ADTIM GROUP) ⁽¹⁾	1
---------------	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 437/02	Rata tal-kambju tal-euro — Is-16 ta' Novembru 2022	2
---------------	----------------------------------------------------------	---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

2022/C 437/03	AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI MIFTUĦA	3
---------------	---------------------------------------	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI TAL-QORTI

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 437/04	Azzjoni mressqa fis-27 ta' Settembru 2022 minn Eviny AS kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (Kawża E-10/22)	4
---------------	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 437/05	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10948 — STORA ENSO / DE JONG PAPIER HOLDING / DJV HOLDING) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	5
2022/C 437/06	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10956 – AURELIUS INVESTMENT LUX SEVEN / SAPPI FINLAND ONE / SAPPI FINLAND OPERATIONS / SAPPI MAASTRICHT REAL ESTATE / SAPPI STOCKSTADT) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	7

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 437/07	Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012	9
---------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.10882 — IRCP / CDC / ADTIM GROUP)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 437/01)

Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10882. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾**Is-16 ta' Novembru 2022**

(2022/C 437/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,0412	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3801
JPY	Yen Ġappuniż	145,29	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,1444
DKK	Krona Daniża	7,4386	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6897
GBP	Lira Sterlina	0,87483	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4250
SEK	Krona Żvediża	10,8754	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 378,10
CHF	Frank Żvizzeru	0,9795	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,0195
ISK	Krona İzlandiża	148,90	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,3720
NOK	Krona Norveġiża	10,3675	HRK	Kuna Kroata	7,5443
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 248,37
CZK	Krona Ċeka	24,355	MYR	Ringgit Malażjan	4,7323
HUF	Forint Ungeriż	408,18	PHP	Peso Filippin	59,678
PLN	Zloty Pollakk	4,7065	RUB	Rouble Russu	
RON	Leu Rumun	4,9206	THB	Baht Tajlandiż	37,103
TRY	Lira Turka	19,3783	BRL	Real Brażiljan	5,5438
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5400	MXN	Peso Messikan	20,1227
			INR	Rupi Indjan	84,5905

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI MIFTUĦA

(2022/C 437/03)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qiegħed jorganizza l-kompetizzjoni miftuħa li ġejja:

EPSO/AST/155/22 – Assistenti tas-sigurtà u s-sikurezza (AST 3) fl-oqsma li ġejjin:

1. **Sigurtà operazzjonali**
2. **Sigurtà teknika**
3. **Saħħa u sikurezza okkupazzjonali**

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat f'24 lingwa f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 437 A tas-17 ta' Novembru 2022.

Tista' ssib aktar informazzjoni fis-sit web tal-EPSO: <https://epso.europa.eu/>

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Azzjoni mressqa fis-27 ta' Settembru 2022 minn Eviny AS kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA**(Kawża E-10/22)**

(2022/C 437/04)

Fis-27 ta' Settembru 2022 tressqet azzjoni kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA quddiem il-Qorti tal-EFTA minn Eviny AS, irrappreżentata mill-avukati Svein Terje Tveit u Paul Gunnar Hagelund, Arntzen de Besche, Ruseløkkveien 30, 0251 Oslo, in-Norveġja.

Eviny AS titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tannulla d-Deċiżjoni Nru 161/22/COL, tas-6 ta' Lulju 2022, tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA; u
2. Tordna lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex iġġarrab il-kostijiet tal-proċeduri.

Sfond legali u fattwali u motivi miġiuba bħala sostenn:

- Eviny AS (ir-“rikorrent”) hija kumpanija Norveġiża tal-enerġija rinnovabbli, inkorporata taħt il-liġi Norveġiża, li tipproduċi u tqassam l-elettriku fil-Punent tan-Norveġja.
- Id-Deċiżjoni Nru 161/22/COL (“id-deċiżjoni kkontestata”) ġiet adottata wara lment minn Nelfo, assoċjazzjoni kummerċjali Norveġiża, bid-data tal-11 ta' Mejju 2017, dwar għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Muniċipalitá ta' Bergen.
- Il-miżuri kkontestati jirrigwardaw il-kumpens żejjed għall-pagament tal-kostijiet tal-operat u tal-manutenzjoni u l-kostijiet kapitali fir-rigward tal-infrastruttura tad-dwal tat-toroq f'Bergen.
- Ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u jibbaża r-rikors tiegħu fuq il-motivi li ġejjin:
 - L-awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA wettqet żball manifest ta' valutazzjoni fl-applikazzjoni tagħha tal-kunċett ta' impriża billi kkonkludiet li s-sjeda u l-operat tad-dwal tat-toroq huma attività ekonomika;
 - L-awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA wettqet żball manifest ta' valutazzjoni meta kkonkludiet li r-rikorrent irċieva vantaġġ ekonomiku permezz ta' kumpens żejjed;
 - Ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni jew effett fuq il-kummerċ;
 - L-għajnuna allegata għandha tiġi klassifikata bħala għajnuna eżistenti li mhijiex soġġetta għal irkupru; u
 - Id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq eżami insuffiċjenti tal-fatti u tonqos milli tipprovi motivazzjoni xierqa bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10948 — STORA ENSO / DE JONG PAPIER HOLDING / DJV HOLDING)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 437/05)

1. Fit-3 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Stora Enso AB ("Stora Enso"), ikkontrollata minn Stora Enso Oyj (it-tnejn li huma tal-Iżvezja),
- De Jong Papier Holding B.V. ("De Jong") (in-Netherlands),
- DJV Holding B.V. ("DJV") (in-Netherlands).

Stora Enso takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' De Jong u DJV kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Stora Enso tiżviluppa, tipproduċi u toffri soluzzjonijiet u servizzi bbażati fuq l-injam u l-bijomassa għal firxa ta' industrijiet u applikazzjonijiet globalment u hija, fost affarijiet oħra, attiva fil-produzzjoni kemm ta' materjali tal-każijiet korrugati kif ukoll ta' imballaġġ ikkorrugat, b'diversi impjanti ta' produzzjoni fiż-ŻEE kollha,
- De Jong u DJV huma prinċipalment attivi fil-produzzjoni u l-provvista ta' imballaġġ ikkorrugat fil-Benelux, fil-Ġermanja u fir-Renju Unit, fejn għandhom faċilitajiet ta' produzzjoni. Dan l-aħħar bdew ukoll il-produzzjoni ta' materjali ta' kaxxi korrugati rriċiklati, li jeħtieġu għall-produzzjoni downstream tagħhom ta' imballaġġ ikkorrugat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtuhom l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinhrieg li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10948 — STORA ENSO / DE JONG PAPIER HOLDING / DJV HOLDING

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.10956 – AURELIUS INVESTMENT LUX SEVEN / SAPPI FINLAND ONE / SAPPI FINLAND OPERATIONS / SAPPI MAASTRICHT REAL ESTATE / SAPPI STOCKSTADT)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 437/06)

1. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- AURELIUS Investment Lux Seven S.à.r.l. (il-Lussemburgu), li tappartjeni għall-grupp Aurelius ("Aurelius", il-Ġermanja),
- Sappi Finland I Oy (il-Finlandja), li tappartjeni għall-grupp Sappi,
- Sappi Finland Operations Oy (il-Finlandja), li tappartjeni għall-grupp Sappi,
- Sappi Maastricht Real Estate B.V. (in-Netherlands), li tappartjeni għall-grupp Sappi,
- Sappi Stockstadt GmbH (il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Sappi.

Aurelius se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Sappi Finland I, Sappi Finland Operations, Sappi Maastricht Real Estate u Sappi Stockstadt kollha kemm huma (li flimkien jissejħu l-"entitajiet fil-mira ta' Sappi").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Il-grupp Aurelius huwa grupp ta' ekwità privata, li huwa attiv bħala investitur fl-Ewropa u bħala maniġer tal-assi internazzjonalment,
- L-entitajiet fil-mira ta' Sappi huma attivi fil-manifattura u l-forniment ta' karta tal-pubblikazzjoni u karta grafika inkluża karta miksija mekkanika, miksija u mhux miksija mingħajr injam kif ukoll bord ta' speċjalità inkluż kartun forma ta' kaxxa li tintewa u bord solidu bbliċjat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinhrieg li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10956 – AURELIUS INVESTMENT LUX SEVEN / SAPPI FINLAND ONE / SAPPI FINLAND OPERATIONS / SAPPI MAASTRICHT REAL ESTATE / SAPPI STOCKSTADT

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

(2022/C 437/07)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri skont l-Artikolu 6(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 ⁽¹⁾

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' din l-emenda minuri tista' tiġi kkonsultata fuq il-bażi tad-*data* tal-Kummissjoni eAmbrosia

DOKUMENT UNIKU

“Carne de Cantabria”

Nru tal-UE: PGI-ES-0185-AM01 – 16/08/2021

DOP () IĠP (X)

1. **Isem**

“Carne de Cantabria”

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Spanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Laħam taċ-ċanga prodott skont tekniki tradizzjonali ta' taġħlif u ġestjoni fil-Cantabria.

L-annimali li minnhom jittieħed il-laħam huma mill-familja ta' razez tal-Cantabria (frat bi profil konkavi, lewn il-qastan): Tudanca, Monchina u Asturjana; kif ukoll ir-razez Parda de Montaña, Limousin, Pirenaica, Charolais, Blonde d'Aquitaine, Fleckvieh u l-inkroċji tagħhom.

Minħabba d-dieta tal-annimali, li hija bbażata fuq ir-ragħa tal-ħaxix nattiv fil-mergħat li huma fil-biċċa l-kbira muntanji għoljin u l-foraġġ li jikkonsisti l-aktar f'materjali minn mergħat naturali, il-laħam kopert mill-IĠP għandu l-karatteristiċi li ġejjin wara l-iskarnar u t-tlestija:

- Tenera blanca [vitella bajda]: l-annimal jiġi skarnat f'massimu ta' 8 xhur, bil-laħam ta' lewn roża ċar għal roża, b'xaħam abjad lewn il-perla mqassam b'mod indaq u muskolu sod kemxejn umdu.
- Tenera [vitella]: l-annimal jiġi skarnat f'massimu ta' 12-il xahar, bil-laħam ta' lewn roża ċar għal roża, b'xaħam abjad lewn il-perla mqassam b'mod indaq u b'muskolu sod kemxejn umdu
- Añojo [għoġol/għoġla ta' aktar minn sena]: l-annimal jiġi skarnat meta jkollu bejn 12-il xahar u 24 xahar, bil-laħam ta' lewn roża sa aħmar ċar, b'xaħam abjad lewn il-perla u b'muskolu sod kemxejn umdu.

(1) ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.

- d) Novilla [erħa]: l-annimal jiġi skarnat meta jkollu bejn 24 u 48 xahar, bil-laħam ta' lewn aħmar ċar sa aħmar, b'xaħam lewn il-krema, b'muskolu sod kemxejn umdu u rħamar.
- e) Buey [gendus]: annimal ta' ġens maskili kkastrat li jiġi skarnat meta jkollu ta' mill-inqas 48 xahar, bil-laħam ta' lewn aħmar ċar sa aħmar, b'xaħam lewn il-krema, b'muskolu sod kemxejn umdu u rħamar.
- f) Vaca [baqra]: annimal ta' ġens femminili li tiġi skarnata meta jkollha ta' mill-inqas 48 xahar, bil-laħam ta' lewn aħmar ċar sa aħmar, b'xaħam lewn il-krema, b'muskolu sod kemxejn umdu u rħamar.

Klassifikazzjoni ta' karkassi koperti mill-IĠP

Tip	Konformazzjoni	Kopertura ta' xaħam
a) <i>Tenera Blanca</i> u <i>Tenera</i>	S.E.U.R. *	2-3 (kopertura ta' xaħam baxxa - kopertura ta' xaħam)
b) <i>Añojo</i>	S.E.U.R. *	2-3 (kopertura ta' xaħam baxxa - kopertura ta' xaħam)
c) <i>Novilla</i>	S.E.U.R.O.	2-4 (kopertura ta' xaħam baxxa - xaħmija)
d) <i>Buey</i> u <i>Vaca</i>	S.E.U.R.O.	2-4 (kopertura ta' xaħam baxxa - xaħmija)

* Ġhar-razez Monchina u Tudanca, it-tipi ta' konformazzjoni O u P għandhom jiġu permessi minħabba l-karatteristiċi morfoloġiċi tagħhom.

Il-pH trid tkun aktar baxxa minn 6. Il-karkassi għandhom jitperrċu għal mill-inqas 24 siegħa.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Matul dawk ix-xhur meta jkun qed jikber l-għaxeb, l-annimali jitħallew jirgħu kemm fi bwar baxxi kif ukoll f'merġħat tal-muntanji. Matul ix-xitwa, jitpoġġew fi stalel. Fil-ħarifa u l-bidu tar-rebbiegħa, l-ifrat jirgħu fuq merġħat qrib l-impriżi agricoli matul il-ġurnata. Jersqu 'l fuq lejn il-merġħat tal-muntanji għal nofs Mejju.

L-għoġġiela ġeneralment jitwiieldu fil-bidu tar-rebbiegħa u jibqgħu mal-ommijiet tagħhom għal 5 sa 7 xhur, u matul dan iż-żmien jinfatmu għal fuq il-foraġġ (jew raġha fl-għelieqi jew inkella foraġġ innixxef fuq ġewwa). Matul l-istadju tal-finitura, l-għalf tal-annimali jiġi ssupplimentat b'konċentrati awtorizzati. It-tipi ta' annimali prodotti għandhom ikunu skont kif ġej:

Tenera Blanca u *Tenera*

Wara l-ftim, taħ mill-inqas 50 % tad-dieta tagħhom trid tiġi minn foraġġ prodott fil-Cantabria.

Il-prodotti naturali u l-konċentrati awtorizzati għandhom jintużaw kemm fit-tagħlif supplimentari kif ukoll matul il-perjodu tal-finitura, li ma jistax jaqbeż l-erba' xhur.

Añojo

Id-dieta u l-ġestjoni tal-merħla għandhom ikunu l-istess bħal dawk għat-*Tenera*.

L-istadju tal-finitura ma jistax jaqbeż l-erba' xhur.

Novilla

Fl-istadju tat-treddiġ u wara l-ftim, id-dieta u l-ġestjoni tal-merħla għandhom ikunu l-istess bħal dawk għat-*Tenera*.

Minn hemm 'il quddiem, għandhom jintgħalfu b'merġħa jew foraġġ ippreżervat, skont l-istaġun tas-sena. L-istadju tal-finitura ma jistax jaqbeż l-erba' xhur.

Buey u *Vaca*

L-annimali f'dawn il-kategoriji għandhom jintgħalfu b'merġħa jew foraġġ ippreżervat prodott fil-Cantabria.

Iridu jirgħu għal mill-inqas żewġ staġuni u l-istadju tal-finitura ma jistax jaqbeż l-erba' xhur.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Produzzjoni u pproċessar.

Il-bhejjem maħsuba għall-produzzjoni tal-laħam kopert mill-IĠP iridu jkunu mwielda, imrobbija u msemma fit-territorju tal-Komunità Awtonoma tal-Cantabria.

L-attivitajiet: tal-iskarnar, tlestija u tqattigħ, ukoll iridu jsiru fit-territorju tal-Komunità Awtonoma tal-Cantabria.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-tahkik, l-ippakkjar, eċc.*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

L-ifrat kollha maħsuba għall-iskarnar iridu jiġu identifikati debitament. Is-sistema tal-identifikazzjoni trid tkun kumpatibbli ma' xi wieħed mill-metodi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli.

Il-karkassi kollha li jistgħu jkunu koperti mill-IĠP iridu jiġu mmarkati sabiex il-provenjenza tagħhom tkun identifikata u ggarantita. L-immarkar għandu jkun fuq il-parti ta' barra taż-żewġ nofs karkassi u għandu jikkonsisti f'identifikatur li jkun imwaħħal b'tali mod li kull parti tal-karkassa tkun perfettament identifikabbli wara li tiġi sseparata. Dan l-identifikatur irid jinkludi l-logo għall-IĠP u l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt din il-leġiżlazzjoni speċifika.

Il-laħam ippakkjat irid jiġi ttrasportat bil-baħar f'pakketti li jkunu ssiġillati kif suppost u protetti minn kontaminazzjoni esterna. Il-pakketti jrid ikollhom tikketti nnumerati u/jew tikketti sekondarji mwaħħla fl-impjanti tat-tqattigħ qabel ma jiġu ttrasportati bil-baħar, skont ir-regoli stipulati f'dan ir-rigward.

It-tikketti kummerċjali, li jkunu uniċi għal kull ditta rreġistrata, iridu jiġu sottomessi lill-Uffiċċju għall-Kwalità tal-Ikel fil-Cantabria (*Oficina de Calidad Alimentaria - ODECA*).

Dawn iridu jinkludu l-kliem *Indicación Geográfica Protegida "Carne de Cantabria"* [IĠP "Carne de Cantabria"].

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika tkopri t-territorju sħiħ tal-Komunità Awtonoma tal-Cantabria.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta ewlenija bejn il-"Carne de Cantabria" u ż-żona ġeografika koperta mill-IĠP hija l-karatteristiċi speċifiċi tal-laħam bħala riżultat tad-dieta tal-annimali u l-mod kif jiġu ġestiti l-merħliet.

Il-mergħat u l-foraġġ użati fid-dieta tal-annimali u l-ġestjoni staġunali tal-merħliet għandhom impatt fuq il-kompożizzjoni tax-xaħam u s-sawra muskolari deskritti għal kull kategorija ta' annimali stipulata fil-punt 3.2.

Il-klima u r-riljev tar-reġjun tal-Cantabria jsostnu żoni estensivi ta' art tal-mergħa u hemm tradizzjoni ta' trobbija ta' bhejjem b'rabta b'saħħitha mat-territorju.

Il-mergħat jikkonsistu f'komunitajiet erbaċej naturali li adattat għall-klima u l-kundizzjonijiet tal-ħamrija fiż-żona. Uħud mill-mergħat huma tipiċi ta' reġjuni tal-muntanji filwaqt li oħrajn huma stadji fis-sostituzzjoni ta' foresta jew sottobosk bi bwar naturali.

F'żoni ta' pjanura, il-mergħat tipikament ikunu f'furmati minn taħlita ta' ħaxix, legumi u xtieli oħrajn. L-aktar komuni fost dawn huma:

- Id-dekkuka (*Dactylis glomerata*)
- Iż-żwien (*Festuca pratensis*, *F. rubra*)
- Is-sikrana perenni (*Lolium perenne*)
- Ix-xnien (*Trifolium pratense*, *T. repens*, *T. incarnatum*)
- L-għantqux (*Lotus corniculatus*)
- In-nefel iswed (*Medicago lupulina*)
- Il-biżbula selvaġġa (*Plantago lanceolata*, *P. media*)
- Il-karrota selvaġġa (*Dacus carota*)

Il-klima Atlantika (bix-xita abbondanti u frekwenti tagħha), l-effett ta' lqugħ tal-muntanji (li jippromwovu l-kondensazzjoni u jżommu t-temperaturi moderati) u l-karatteristiċi tal-ħamrija lkoll jikkombinaw biex jagħmlu l-Cantabria reġjun li huwa adattat perfettament għar-raqha u b'hekk ideali għat-trobbijaestensiva tal-ifrat.

Ir-razez li minnhom jista' jittieħed il-laħam protett huma adattati perfettament għaż-żona tal-produzzjoni, u b'hekk jiġi żgurat bilanċ produttiv ekoloġiku bejn il-bhejtem u l-ambjent.

Is-sistema ta' ġestjoni tal-bhejtem u r-reġim tal-ġhalf, li huwa bbażat fuq ir-raqha matul l-istaġun tat-tkabbir u l-foraġġ ippreservat l-aktar minn art naturali bil-ħaxix fix-xitwa, huma l-elementi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-prodott f'termini tal-kopertura ta' xaħam u s-sawra muskolari. Dan il-foraġġ ta' kwalità prima huwa diġeribbli faċilment, li jiżgura doża għolja u valur nutrittiv.

L-ifrat maħsuba għall-produzzjoni tal-“Carne de Cantabria” jintgħalfu bl-użu ta' tekniki u Prattiki bbażati fuq l-użu ta' riżorsi naturali f'sistemaestensiva ta' bhejtem, kemm għal merħliet sedentarij kif ukoll dawk transumanti.

Hemm rekords ta' dawn il-prattiki fis-seħħ sa minn żminijiet il-qedem f'ħafna dokumenti uffiċjali li jirrigwardaw donazzjonijiet, arranġamenti, ftehimiet, proċedimenti legali u diġriet relatati mal-ġestjoni tal-art tal-mergħa. Sa mid-disa' seklu, hemm rekords dokumentati ta' żoniestensivi ta' art bil-ħaxix fil-Cantabria jingħataw b'donazzjoni mill-Monasteru ta' Santa María del Yermo lill-Katidral ta' Oviedo għar-raqha tal-ifrat.

Ir-reputazzjoni tal-Cantabria bħala reġjun għat-trobbija tal-bhejtem tidher ukoll mill-ħafna fieri tal-ifrat awtorizzati bi bliet lokali sa mill-Medju Evu. Il-fiera tal-ifrat ta' Potes, li ġiet awtorizzata fl-1379 mir-Rè Juan I ta' Kastilja, hija fost l-eqdem. L-aktar importanti fir-reġjun huwa s-suq ta' Torrelavega, li kien awtorizzat b'diġriet reġju mir-Rè Karlu III fl-1 ta' Jannar 1767.

Ir-reputazzjoni li jgawdi l-“Carne de Cantabria” ġiet ikkonfermata fi sħarriġ reċenti, li wera li huwa magħruf minn 90,4 % tan-nies li jgħixu fir-reġjun.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott

<https://www.alimentosdecantabria.com/documents/3177683/13022902/3-+Pliego+definitivo+rev.03.pdf/8cc857bb-4f85-f04e-ee3f-5cd8affc38b0?t=1614082672359>

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)